SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

12 ta' Frar 2015*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikoli TFUE u 57 TFUE Direttiva 96/71/KE — Artikoli 3, 5 u 6 — Ħaddiema ta' kumpannija li għandha s-sede tagħha fi Stat Membru A, ikkollokati sabiex iwettqu xogħol fi Stat Membru B — Salarju minimu previst mill-ftehimiet kollettivi tal-Istat Membru B — Locus standi ta' organizzazzjoni sindakali li għandha s-sede tagħha fl-Istat Membru B — Leġiżlazzjoni tal-Istat Membru A li tipprojbixxi t-trasferiment lil terz ta' krediti marbuta mar-remunerazzjonijiet"

Fil-Kawża C-396/13,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa minn Satakunnan käräjäoikeus (il-Finlandja), permezz ta' deċiżjoni tal-15 ta' Lulju 2013, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-15 ta' Lulju 2013, fil-proċedura

**Sähköalojen ammattiliitto ry**

vs

**Elektrobudowa Spółka Akcyjna,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn S. Rodin, President tas-Sitt Awla, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, A. Borg Barthet, E. Levits (Relatur), M. Berger u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: I. Illessy, Amministratur

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta' Ġunju 2014,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Sähköalojen ammattiliitto ry, minn J. Kailiala, asianajaja, u J. Hellsten,

— għal Elektrobudowa Spółka Akcyjna, minn V.-M. Lanne, asianajaja, u W. Popiołek, avukat,

— għall-Gvern Finlandiż, minn J. Heliskoski, bħala aġent,

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs u L. Van den Broeck, bħala aġenti,

— għall-Gvern Daniż, minn M. Wolff u C. Thorning, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż.

— għall-Gvern Ġermaniż, minn T. Henze u B. Beutler, bħala aġenti,

— għall-Gvern Awstrijak, minn G. Hesse, bħala aġent,

— għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna u M. Arciszewski, kif ukoll minn J. Fałdyga u D. Lutostańska, bħala aġenti,

— għall-Gvern Svediż, minn A. Falk u C. Hagerman, bħala aġenti,

— għall-Gvern Norveġiż, minn P. Wennerås, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Paasivirta u J. Enegren, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta’ Settembru 2014,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, tal-Artikoli 12 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”), tal-Protokoll (Nru 30) dwar l-applikazzjoni tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-Polonja u għar-Renju Unit, anness mat-Trattat FUE, tal-Artikolu 3, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 u l-Artikolu 6 tad-Direttiva 96/71, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta’ Diċembru 1996, dwar l-impjieg [il-kollokament] ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431, u rettifiki ĠU 2007, L 301, p. 28, u L 310, p. 22), kif ukoll tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta’ Ġunju 2008, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU L 177, p. 6, u rettifika ĠU 2009, L 309, p. 87).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta’ kawża bejn Sähköalojen ammattiliitto ry, (iktar ’il quddiem “Sähköalojen ammattiliitto”), sindakat Finlandiż fis-settur tal-elettriku, u Elektrobudowa Spółka Akcyjna (iktar ’il quddiem “ESA”), kumpannija stabbilita fil-Polonja, dwar krediti salarjali li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta’ impjieg.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Fl-Artikolu 1 tagħha, intitolat “Il-kamp ta’ l-applikazzjoni”, id-Direttiva 96/71 tipprevedi:

“1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru li, fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi transnazzjonali, jimpjegaw ħaddiema skond il-paragrafu 3, fit-territorju ta’ Stat Membru.

[...]

3. Din id-Direttiva għandha tapplika sa fejn l-impriżi imsemmija fil-paragrafu 1 jieħdu waħda mill-miżuri transnazzjonali li ġejjin:

[...]

b) jibgħat ħaddiema fi stabbiliment jew f'impriża fil-proprjetà ta' grupp fit-territorju ta' Stat Membru, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn l-impriża li tagħmel il-kollokament u l-ħaddiema tul il-perjodu tal-kollokament; jew

[…]"

4 Skond l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, intitolat "It-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg":

"1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li, tkun xi tkun il-liġi li tapplika għar-relazzjoni ta' impjieg, l-impriżi msemmija fl-Artikolu 1(1) jiggarantixxu lill-ħaddiema mibgħuta fit-territorju tagħhom it-termini u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg li jkopru il-kwistjonijiet li ġejjin, fl-Istati Membri fejn ix-xogħol hu mwettaq, huma stabbiliti:

— skont liġi, regolament jew disposizzjonijiet amministrattiva, u/jew

— bi ftehim kollettiv jew sentenza ta' arbitraġġ li kienu ddikjarati universalment applikabbli fis-sens tal-paragrafu 8, sa fejn jikkonċernaw l-attivitajiet msemmija fl-Anness:

[...]

b) it-tul minimu tal-vaganzi annwali mħallsa;

ċ) ir-rati minimi ta' ħlas, li jinkludu rati ta' sahra; [...]

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, il-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas msemmija fil-paragrafu 1 (ċ) huwa definit mill-liġi u/jew il-prattika nazzjonali ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem huwa mibgħut.

[...]

7. Il-Paragrafi 1 sa 6 m'għandhomx iżommu l-applikazzjoni ta' klawzoli u kundizzjonijiet ta' mpjieg jew xogħol li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

Il-ħlas addizzjonali minħabba l-kollokament għandu jingħadd bħala parti mis-salarju minimu, barra minn dak li jitħallas bħala rimbors ta' spejjeż minħabba l-kollokament, bħalma huma l-ispejjeż tal-vjaġġ, ta' l-alloġġ jew ta' l-ikel.

8. 'Ftehim kollettiv jew sentenzi ta' arbitraġġ ddikjarati bħala ta' applikazzjoni ġenerali' jfisser ftehim kollettiv jew sentenzi ta' arbitraġġ li għandhom ikunu osservati mill-impriżi kollha fis-settur u fil-professjoni jew fl-industrjiji kkonċernat.

[...]"

5 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Miżuri", jipprevedi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa fil-każ ta' non-konformità mad-Direttiva.

Għandhom b'mod partikulari jiżguraw li proċeduri adegwati huma disponibbli lill-ħaddiema u/jew ir-rappresentanti tagħhom għat-twettiq ta' l-obbligi taħt din id-Direttiva."

6 L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Il-ġurisdizzjoni", huwa redatt kif ġej:

"Sabiex jiġi infurzat id-dritt għat-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg iggarantiti fl-Artikolu 3, il-proċeduri gudizzjarji jistgħu jinfetħu fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu il-ħaddiem qiegħed jew ġie kkollokat, mingħajr preġudizzju, meta applikabbli, bla ħsara, taħt konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti dwar il-ġurisdizzjoni, li jinfetħu proċeduri fi Stat ieħor."

7 L-Anness tad-Direttiva 96/71 jipprovdi lista tal-attivitajiet previsti fl-ewwel inċiż tal-Artikolu 3(1) ta' din tal-aħħar. Dawn jinkludu l-attivitajiet kollha eżerċitati fil-qasam tal-kostruzzjoni u maħsuba għall-kostruzzjoni, it-tiswija, il-manutenzjoni, l-alterazzjoni jew id-demolizzjoni ta' bini, bħal dawk speċifikati f'dan l-anness.

*Id-dritt Finlandiż*

8 L-Artikolu 7 tal-Kapitolu 2 tal-liġi 55/2001 dwar il-kuntratti tax-xogħol [Työsopimuslaki (55/2001)] jistabbilixxi:

"Fi ftehim kollettiv ta' portata nazzjonali meqjus bħala rappreżentattiv fis-settur inkwistjoni (ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali), il-persuna li timpjega għandha tosserva mill-inqas id-dispożizzjonijiet relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg applikabbli għall-kompiti mwettaq mill-ħaddiem jew ma' dawk li huma l-iżjed paragunabbli.

Klawżola ta' kuntratt ta' xogħol li tmur kontra stipulazzjoni korrispondenti li tkun tidher fil-ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali hija invalida u tagħti lok għall-applikazzjoni, minflokha, tad-dispożizzjoni inkluża fil-ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali."

[...]"

9 Ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 2 tal-liġi 1146/1999 dwar il-ħaddiema kkollokati [Laki lähetetyistä työntekijöistä (1146/1999)] jipprovdi:

"Ħaddiem ikkollokat għandu jirċievi salarju minimu, jiġifieri remunerazzjoni ddeterminata abbażi ta' ftehim kollettiv fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 2 tal-liġi Finlandiża dwar il-kuntratt ta' xogħol [...]"

10 Il-ftehimiet kollettivi tax-xogħol rilevanti, fis-sens tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 2 tal-liġi dwar il-kuntratti tax-xogħol, huma dawk tal-fergħa tal-elettrifikazzjoni u tal-fergħa tal-installazzjonijiet elettriċi, fi ħdan il-fergħa tal-installazzjonijiet tekniċi tal-bini, u dawn jikkonċernaw attivitajiet imsemmija fl-Anness tad-Direttiva 96/71. Dawn il-ftehimiet kollettivi huma ta' applikazzjoni ġenerali, fis-sens tal-Artikolu 3(8) tad-Direttiva 96/71. Dawn jinkludu dispożizzjonijiet li jipprovdu għat-tqassim tal-ħaddiema fil-klassijiet ta' remunerazzjoni, l-għoti lil dawn tal-aħħar ta' bonus ta' vaganzi, il-ħlas ta' allowance ta' kuljum u ta' allowance għat-traġitt, kif ukoll dispożizzjonijiet marbuta mal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

11 ESA, kumpannija stabbilita fil-Polonja, teżerċita l-attività tagħha fil-qasam tal-elettriku. Hija għandha fergħa fil-Finlandja.

12 Sabiex teżegwixxi x-xogħlijiet ta' elettrifikazzjoni fis-sit ta' kostruzzjoni taċ-ċentru nukleari ta' Olkiluoto, fil-komun ta' Eurajoki (Il-Finlandja), ESA ikkonkludiet, fil-Polonja u b'applikazzjoni tad-dritt Pollakk, kuntratti ta' xogħol ma' 186 ħaddiem. Dawn tal-aħħar ġew ikkollokati fil-fergħa Finlandiża ta' din il-kumpannija. Ġew assenjati fis-sit ta' kostruzzjoni ta' Olkiluoto u ġew alloġġjati

f'appartamenti f'Eurajoki, xi 15-il kilometru 'l bogħod minn dan is-sit. Il-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux fir-rigward tal-ħin iddedikat għat-traġitt ta' kuljum li huma jagħmlu l-imsemmija ħaddiema sabiex imorru mill-post fejn huma alloġġati lejn l-imsemmi sit ta' kostruzzjoni u lura.

13 Filwaqt li sostnew li ESA ma tagħthomx ir-remunerazzjoni minima li kienet dovuta lilhom skont il-ftehimiet kollettivi Finlandiżi tal-fergħa tal-eletrifikazzjoni u tal-fergħa tal-installazzjonijiet tekniċi tal-bini, applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, il-ħaddiema kkonċernati ċedew individwalment il-krediti tagħhom lil Sähköalojen ammattiliitto bil-għan li dan jiżgura l-irkupru tagħhom.

14 Quddiem il-qorti tar-rinviju, Sähköalojen ammattiliitto jsostni li l-imsemmija ftehimiet kollettivi jipprevedu kalkolu tar-remunerazzjoni minima tal-ħaddiema bbażat fuq kriterji iktar favorevoli għall-ħaddiema minn dawk applikati minn ESA. Dawn il-kriterji jirrigwardaw b'mod partikolari l-mod ta' kif jiġu kklassifikati l-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, kif tiġi ddeterminata remunerazzjoni bħala bis-sigħat jew bil-biċċa xogħol, kif il-ħaddiema jingħataw bonus ta' vaganzi, allowance ta' kuljum u allowance għat-traġitt, kif ukoll it-teħid ta' responsabbiltà għall-akkomodazzjoni tagħhom.

15 Għalhekk, permezz ta' żewġ rikorsi ppreżentati rispettivament fit-8 ta' Awwissu 2011 u fit-3 ta' Jannar 2012, l-iSähköalojen ammattiliitto talab li ESA tiġi kkundannata tħallsu somma totali ta' EUR 6 648 383,15, flimkien mal-interessi, li jikkorrispondu għall-krediti li ġew ċeduti lilu.

16 ESA talbet iċ-ċaħda ta' dan ir-rikors. Hija sostniet, b'mod partikolari, li Sähköalojen ammattiliitto ma għandhiex *locus standi* f'isem il-ħaddiema kkollokati, peress li d-dritt Pollakk jipprojbixxi ċ-ċessjoni ta' krediti li jirriżultaw minn relazzjoni ta' impjieg.

17 Fuq it-talba tal-iSähköalojen ammattiliitto, il-qorti tar-rinviju talbet il-qbid, fuq l-attivi ta' ESA, ta' somma li tippermetti li l-kreditu ta' dan is-sindakat ikun iggarantit sal-ammont ta' ta' EUR 2 900 000. Peress li d-deċiżjoni li tordna din il-miżura kawtelatorja saret definittiva, l-ESA pprovdiet lill-awtorità kompetenti b'garanzija bankarja f'dan l-ammont, valida sat-30 ta' Settembru 2015.

18 Peress li kellha xi dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, l-iSatakunnan käräjäoikeus (qorti tal-ewwel istanza ta' Satakunta) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Sindakat li jaġixxi fl-interess tal-ħaddiema jista' jinvoka direttament l-Artikolu 47 tal-[Karta] bħala sors dirett ta' drittijiet kontra fornitur ta' servizzi minn Stat Membru ieħor f'sitwazzjoni fejn id-dispożizzjoni li allegatament tmur kontra l-Artikolu 47 (jiġifieri l-Artikolu 84 tal-Kodiċi tax-Xogħol Pollakk) hija dispożizzjoni purament nazzjonali?

2) Fi proċedura ġudizzjarja dwar krediti dovuti fl-Istat ta' eżekuzzjoni tax-xogħol fis-sens tad-Direttiva 96/71/KE, jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni — b'mod partikolari mill-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva previst fl-Artikolu 47 tal-[Karta] kif ukoll fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 5 u fl-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mal-libertà ta' assoċjazzjoni sindakali ggarantita mill-Artikolu 12 tal-[Karta] — li qorti nazzjonali għandha tevita l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tax-xogħol tal-Istat ta' oriġini tal-ħaddiema li tipprekludi ċ-ċessjoni ta' kreditu ta' salarju lil sindakat tal-Istat ta' eżekuzzjoni tax-xogħol sabiex dan is-sindakat jiżgura l-irkupru tiegħu, meta d-dispożizzjoni korrispondenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tax-xogħol tippermetti ċ-ċessjoni tal-kreditu ta' salarju dovut sabiex jiġi żgurat l-irkupru tiegħu, u għalhekk l-istat ta' persuna li għandha *locus standi*, lil sindakat li l-ħaddiema kollha li wettqu ċ-ċessjoni tal-krediti bil-għan ta' rkupru huma membri tiegħu?

3) Il-klawżoli tal-Protokoll Nru 30 anness mat-Trattat ta' Lisbona għandhom jiġu interpretati fis-sens li anki l-qrati nazzjonali li ma humiex stabbiliti fil-Polonja jew fir-Renju Unit għandhom jieħdu dan inkunsiderazzjoni meta t-tilwima inkwistjoni jkollha rabtiet sinjifikattivi mal-Polonja u, b'mod

partikolari, meta l-liġi applikabbli għall-kuntratti tax-xogħol tkun il-liġi Pollakka? Fi kliem ieħor, [dan il-protokoll] jipprekludi li qorti Finlandiża tiddikjara li l-liġijiet, regoli jew dispożizzjonijiet, prattiki jew miżuri amministrattivi tal-Polonja huma kuntrarji għall-prinċipji, libertajiet u drittijiet fundamentali pproklamati mill-[Karta]?

4) Fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-[Karta], l-Artikolu 14(2) tar-Regolament [Nru 593/2008] għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprojbixxi ċ-ċessjoni ta' krediti u ta' drittijiet li jirriżultaw minn relazzjoni ta' impjieg?

5) L-Artikolu 14(2) tar-Regolament [Nru 593/2008] għandu jiġi interpretat fis-sens li l-liġi applikabbli għaċ-ċessjoni tal-krediti li jirriżultaw mill-kuntratt tax-xogħol hija l-liġi applikabbli għall-kuntratt tax-xogħol inkwistjoni skont ir-Regolament [Nru 593/2008], irrispettivament minn jekk id-dispożizzjonijiet ta' liġi oħra għandhomx ukoll effett fuq il-kontenut tad-dritt individwali?

6) Moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 u 57 TFUE, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas ikopri l-paga bażika ta' kull siegħa fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni fi gruppi skont is-salarju, is-salarju ggarantit għax-xogħol ikkuntrattat fuq il-bażi ta' ħlas skont ix-xogħol li jsir, il-ħlas għal vaganzi, l-allowance fissa ta' kuljum u l-allowance għat-traġitt ta' kuljum, skont kif dawn il-kundizzjonijiet tax-xogħol huma ddefiniti fi ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali li jaqa' taħt l-Anness [ta' din id-direttiva]?

a) L-Artikoli 56 [TFUE] [u 57 TFUE] u/jew l-Artikolu 3 tad-Direttiva [96/71] għandhom jiġi interpretati fis-sens li dawn jipprekludu li, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali (ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali) ta' dak li jissejjaħ 'l-Istat ospitanti', l-Istati Membri jimponu fuq fornituri ta' servizzi minn Stati Membri oħra l-obbligu li jħallsu allowance għat-traġitt u allowance ta' kuljum lill-ħaddiema kkollokati għal xogħol fit-territorju tagħhom, fid-dawl tal-fatt li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, kull ħaddiem ikkollokat huwa kkunsidrat li jaħdem taħt is-sistema tax-xogħol tal-ivvjaġġar professjonali matul il-perijodu kollu ta' kollokament, u dan jagħtih id-dritt kemm għall-allowances għat-traġitt u kif ukoll għall-allowances ta' kuljum?

b) L-Artikoli 56 [TFUE] u 57 TFUE u/jew l-Artikolu 3 tad-Direttiva [96/71] għandhom jiġu interpretati li ma jippermettux lil qorti nazzjonali tirrifjuta li tirrikonoxxi t-tqassim tal-ħaddiema fi klassijiet ta' remunerazzjoni mfassal u applikat minn kumpannija ta' Stat Membru ieħor fl-istat ta' oriġini tagħha, jekk tali tqassim ikun sar?

ċ) L-Artikoli 56 [TFUE] u 57 TFUE u/jew l-Artikolu 3 tad-Direttiva [96/71] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jippermettu lil persuna li timpjega minn Stat Membru ieħor li tistabbilixxi b'mod validu, u b'mod vinkolanti għall-qorti tal-Istat ta' eżekuzzjoni tax-xogħol, il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi skont is-salarju f'sitwazzjoni fejn ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali fil-pajjiż ta' eżekuzzjoni tax-xogħol jkun eżiġa l-istabbilment ta' klassifikazzjoni fi gruppi skont is-salarju differenti mill-perspettiva tar-riżultat finali, jew l-Istat Membru ospitanti li fih il-ħaddiema tal-fornitur ta' servizzi mill-Istat Membru l-ieħor kienu kkollokati jista' jimponi fuq il-fornitur ta' servizzi l-obbligu li josserva d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kriterji ta' klassifikazzjoni tal-ħaddiema f'kategoriji skont is-salarju?

d) Fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva [96/71], moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 [TFUE] u 57 TFUE, ir-responsabbiltà għall-akkomodazzjoni imposta fuq il-persuna li timpjega mid-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv imsemmi [fis-sitt domanda] u l-vawċers tal-ikel imqassma skont il-kuntratt tax-xogħol mill-fornitur ta' servizzi minn Stat Membru ieħor għandhom jitqiesu bħala kumpens għall-ispejjeż sostnuti minħabba l-kollokament jew bħala li jaqgħu taħt il-kunċett ta' rati minimi ta' ħlas fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva [96/71]?

e) Id-dispożizzjonijiet flimkien tal-Artikolu 3 tad-Direttiva [96/71] u tal-Artikoli 56 [TFUE] u 57 TFUE jistgħu jiġu interpretati fis-sens li ftehim kollettiv ta' applikazzjoni ġenerali tal-Istat ta' eżekuzzjoni tax-xogħol għandu jiġi kkunsidrat iġġustifikat minħabba r-rekwiżiti tal-ordni pubbliku fil-kuntest tal-interpretazzjoni tal-kwistjoni tar-remunerazzjoni tax-xogħol fuq il-bażi tax-xogħol li jsir, tal-allowance għat-traġitt u tal-allowances ta' kuljum?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel sal-ħames domanda*

19 Permezz tal-ewwel sal-ħames domanda tagħha, li hemm lok li jkunu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment fuq il-punt dwar jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 96/71, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, tipprekludix li leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tas-sede tal-impriża li kkollokat ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li skontha hija pprojbita ċ-ċessjoni ta' krediti li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjieg, tista' tostakola sindakat, bħal Sähköalojen ammattiliitto, milli jippreżenta rikors, quddiem qorti fit-tieni wieħed minn dawn l-Istati Membri, li fih jiġi eżegwit ix-xogħol, bil-għan li jirkupra krediti salarjali ta' dawn il-ħaddiema kkollokati li ġew ċeduti lilu, u f'każ ta' risposta pożittiva, jekk leġiżlazzjoni bħal dik tal-ewwel wieħed minn dawn l-Istati Membri hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva kkonfermat fl-Artikolu 47 tal-Karta.

20 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi kkonstatat li jirriżulta mhux biss minn informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju, iżda wkoll mit-tweġibiet mogħtija għall-mistoqsijiet magħmula waqt is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li l-*locus standi*, quddiem il-qorti tar-rinviju, ta' Sähköalojen ammattiliitto huwa rregolat mid-dritt proċedurali Finlandiż, applikabbli skont il-prinċipju tal-*lex fori*. Barra minn hekk, huwa stabbilit li, skont l-imsemmi dritt finlandiż, ir-rikorrenti għandu *locus standi* f'isem il-ħaddiema kkollokati.

21 Għalhekk, il-leġiżlazzjoni li tinsab fil-kodiċi tax-xogħol Pollakk, invokata minn ESA, hija irrilevanti fir-rigward tal-*locus standi*, quddiem il-qorti tar-rinviju, ta' Sähköalojen ammattiliitto u ma tostakolax id-dritt ta' dan tal-aħħar milli jippreżenta rikors quddiem is-Satakunnan käräjäoikeus.

22 Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġi rrilevat li s-suġġett tal-kawża prinċipali hija marbuta mad-determinazzjoni tal-portata tal-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas [salarjali]", fis-sens tad-Direttiva 96/71, li jistgħu jippretendu l-ħaddiema Pollakki kkollokati fil-Finlandja.

23 Issa, jirriżulta mingħajr ebda ambigwità mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1), tal-imsemmija direttiva li l-kwistjonijiet marbuta mar-rata minima salarjali fis-sens ta' din tal-aħħar huma rregolati, irrispettivament mil-liġi applikabbli għar-relazzjoni ta' xogħol, mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikunu kkollokati l-ħaddiema bil-għan li jeżegwixxu x-xogħol tagħhom, jiġifieri fir-Repubblika tal-Finlandja.

24 Barra minn hekk, jirriżulta b'mod partikolari mill-kliem tat-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju li ċ-ċessjoni tal-krediti salarjali li bbenefika minnha Sähköalojen ammattiliitto bil-għan li jirkuprahom favur il-ħaddiema kkollokati hija konformi mad-dritt Finlandiż u li, barra minn hekk, l-impriża Pollakka li rreklutat lil dawn il-ħaddiema għandha fil-Finlandja fergħa li fiha ġew ikkollokati dawn tal-aħħar.

25 F'dawn il-kundizzjonijiet, b'mod kuntrarju għal dak li ssostni ESA quddiem il-qorti tar-rinviju, f'dan il-każ ma teżisti l-ebda raġuni li tista' tpoġġi f'dubju l-azzjoni li nbdiet minn Sähköalojen ammattiliitto quddiem is-Satakunnan käräjäoikeus.

26 Jeħtieġ li tingħata risposta għall-ewwel sal-ħames domanda li, f'ċirkustanzi bħal dawn fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 96/71, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, tipprekludi li leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tas-sede tal-impriża li kkollokat ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li skontha hija pprojbita ċ-ċessjoni ta' krediti li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjieg, tista' tostakola sindakat, bħal Sähköalojen ammattiliitto, milli jippreżenta rikors, quddiem qorti fit-tieni wieħed minn dawn l-Istati Membri, li fih jiġi eżegwit ix-xogħol, bil-għan li jirkupra, favur ħaddiema kkollokati, krediti salarjali li huma marbuta mas-salarju minimu fis-sens tad-Direttiva 96/71, u li ġew ċeduti lilu, peress li din iċ-ċessjoni hija konformi mad-dritt vinkolanti f'dan l-aħħar Stat Membru.

*Fuq is-sitt domanda*

27 Permezz tas-sitt domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment, jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, moqri flimkien mal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi li jiġu esklużi mis-salarju minimu, l-elementi ta' remunerazzjoni, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jirriżultaw mill-kunċett ta' salarju bażiku għal kull siegħa jew ta' salarju ggarantit għal biċċiet ta' xogħol, b'mod konformi mal-klassifikazzjoni fi gruppi ta' remunerazzjoni, tal-għoti ta' bonus ta' vaganzi, ta' allowances ta' kuljum u għat-traġitt ta' kuljum, kif ukoll ta' kumpens għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni li huma ddefiniti minn ftehim kollettiv li jaqa' taħt l-anness ta' din id-direttiva, ta' applikazzjoni ġenerali fl-Istat Membri ta' kollokazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati, jew, fir-rigward tal-għoti ta' vawċers tal-ikel, huma previsti mir-relazzjoni ta' xogħol bejn il-ħaddiema kkollokati u l-persuna li tħaddimhom fl-Istat Membru tal-oriġni.

28 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea adotta d-Direttiva 96/71 bil-għan, kif jirriżulta mill-premessa 6 tagħha, li jipprovdi, fl-interess tal-persuni li jħaddmu u l-persunal tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg applikabbli għar-relazzjoni ta' xogħol meta impriża stabbilita fi Stat Membru partikolari tikkolloka ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, temporanjament, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi (sentenzi Laval un Partneri, C-341/05, EU:C:2007:809, punt 58, u Isbir, C-522/12, EU:C:2013:711, punt 33).

29 Għalhekk, bil-għan li tiġi żgurata l-osservanza ta' assjem ta' regoli imperattivi ta' protezzjoni minima, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, irrispettivament mil-liġi applikabbli għar-relazzjoni ta' xogħol, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi transkonfinali, l-impriżi jiggarantixxu lill-ħaddiema kkollokati fit-territorju ta' dawn tal-aħħar, il-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg li jikkonċernaw il-materji elenkati f'din id-dispożizzjoni (sentenza Laval un Partneri, EU:C:2007:809, punt 73).

30 F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi rrilevat li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 għandha għan doppju. Minn naħa, din għandha l-għan li tiżgura kompetizzjoni leali bejn l-impriżi nazzjonali u l-impriżi li jwettqu provvista ta' servizzi transkonfinali sa fejn hija tobbliga lil dawn tal-aħħar li jirrikonoxxu favur il-ħaddiema tagħhom, fir-rigward ta' lista limitata ta' materji, il-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti. Min-naħa l-oħra, din l-id-dispożizzjoni hija intiża li tiżgura fir-rigward tal-ħaddiema kkollokati, l-applikazzjoni ta' regoli ta' protezzjoni minima tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg marbuta mal-imsemmija materji matul il-perijodu li fih huma jwettqu xogħol temporanju fit-territorju ta' dan l-Istat Membru (sentenza Laval un Partneri, EU:C:2007:809, punti 74 u 76).

31 Madankollu, jeħtieġ li jiġi enfasizzat li l-imsemmija direttiva ma armonizzatx il-kontenut materjali ta' dawn ir-regoli imperattivi ta' protezzjoni minima, anki jekk din tipprovdi ċerta informazzjoni dwar dan is-suġġett.

32 Għalhekk, hemm lok li jiġi rrilevat, minn naħa, li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 jagħmel riferiment espress, għall-finijiet ta' din tal-aħħar, għal-leġiżlazzjoni jew għall-prassi nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun ikkollokat il-ħaddiem għad-determinazzjoni tar-rati minimi salarjali msemmija fl-ewwel subparagrafu Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva (sentenza Isbir, EU:C:2013:711, punt 36).

33 Min-naħa l-oħra, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(7) tal-imsemmija direttiva jispeċifika, fir-rigward tal-allowances proprji għall-kollokazzjoni, sa fejn dawn l-elementi ta' remunerazzjoni huma kkunsidrati bħala li jifformaw parti mis-salarju minimu fil-kuntest tal-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' impjieg stabbiliti fl-Artikolu 3 tal-istess direttiva.

34 Għalhekk, b'riżerva għall-indikazzjonijiet li jinsabu fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71, il-kompitu sabiex jiddefinixxi liema huma l-elementi li jikkostitwixxu l-kunċett ta' salarju minimu, għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva, jaqa' taħt id-dritt tal-Istat Membru tal-kollokazzjoni, sakemm din id-definizzjoni, kif din tirriżulta mil-leġiżlazzjoni jew mill-ftehimiet kollettivi nazzjonali rilevanti jew mill-interpretazzjoni li tingħata lilhom mill-qrati nazzjonali, ma jkollhiex l-effett li tostakola l-libertà li jiġu pprovduti servizzi bejn l-Istati Membri (sentenza Isbir, EU:C:2013:711, punt 37).

35 F'dan il-kuntest, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tikklassifika ċerti elementi ta' remunerazzjoni bħala li ma jifformawx parti mis-salarju minimu.

36 Għalhekk, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, iż-żidiet u s-supplimenti, li ma humiex iddefiniti bħala elementi li jifformaw parti mis-salarju minimu mil-liġi jew mill-prassi nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem jiġi kkollokat, u li jibdlu r-relazzjoni bejn ix-xogħol ipprovdut mill-ħaddiem, min-naħa, u l-korrispettiv li dan jirċievi, min-naħa l-oħra, ma jistgħux, bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71, jiġu kkunsidrati bħala elementi bħal dawn (sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-341/02, EU:C:2005:220, punt 39, u Isbir, EU:C:2013:711, punt 38).

37 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti li hemm lok li jiġu eżaminati l-elementi differenti ta' remunerazzjoni msemmija mill-qorti tar-rinviju, sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn jifformawx parti mis-salarju minimu, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71.

Is-salarju ggarantit għax-xogħol bis-siegħa u/jew bil-biċċa xogħol, skont il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni

38 Bil-għan li tkun tista' tirriżolvi l-kawża pendenti quddiemha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, għandux jiġi interpretati fis-sens li dan jipprekludi kalkolu tas-salarju minimu għal kull siegħa u/jew għal kull biċċa xogħol ibbażat fuq il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, kif inhu previst mill-ftehimiet kollettivi rilevanti tal-Istat Membru ospitanti.

39 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li jirriżulta b'mod espliċitu mill-kliem tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 li r-rata minima salarjali hija ddefinita mil-leġiżlazzjoni u/jew mill-prassi nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi kkollokat il-ħaddiem. Dan il-kliem jimplika li l-metodu ta' kalkolu tal-imsemmija rata u l-kriterji adottati għall-iskopijiet tiegħu għandhom ukoll jirriżultaw mill-Istat Membru ospitanti.

40 Minn dan kollu li ntqal, jirriżulta, fl-ewwel lok, li r-regoli viġenti fl-Istat Membru ospitanti jistgħu jiddeterminaw jekk il-kalkolu tas-salarju minimu għandux isir bis-siegħa jew bil-biċċa xogħol. Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jiġu invokati kontra l-persuna li tħaddem li tikkolloka l-ħaddiema tiegħu f'dan l-Istat Membru, dawn ir-regoli għandhom ikunu vinkolanti u jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' trasparenza, fatt li jimplika, b'mod partikolari, li dawn ikunu aċċessibbli u ċari.

41 Għalhekk, skont dawn il-kriterji, is-salarju minimu kkalkulat b'riferiment għall-ftehimiet kollettivi rilevanti ma jistax jiddependi fuq l-għażla libera tal-persuna li tħaddem u tikkolloka impjegati bil-għan ewlieni li toffri spiża tax-xogħol bi prezz iktar baxx minn dak tal-ħaddiema lokali.

42 Fil-kawża prinċipali, hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika n-natura vinkolanti u trasparenti tar-regoli tal-kalkolu tas-salarju minimu applikati skont ftehimiet kollettivi rilevanti.

43 Minn dak li ntqal jirriżulta li, fit-tieni lok, ir-regoli ta' klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, applikati fl-Istat Membru ospitanti abbażi tal-kriterji differenti, bħal, b'mod partikolari, il-klassifikazzjoni, il-formazzjoni, l-esperjenza tal-ħaddiema u/jew in-natura tax-xogħol imwettaq minn dawn tal-aħħar, japplikaw minflok ir-regoli applikabbli għall-ħaddiema kkollokati fl-Istat Membru tal-oriġini. Huwa biss fil-kuntest ta' paragun bejn il-kundizzjonijiet tal-impjieg u ta' xogħol, imsemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71, applikati fl-Istat Membru tal-oriġini u dawk viġenti fl-Istat Membru ospitanti, li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni l-klassifikazzjoni mwettqa mill-Istat Membru tal-oriġini, meta din tkun iktar favorevoli għall-ħaddiem.

44 Madankollu, sabiex ikunu jistgħu jiġu invokati kontra l-persuna li tħaddem u tikkolloka l-ħaddiema, ir-regoli ta' klassifikazzjoni ta' dawn tal-aħħar fi gruppi ta' remunerazzjoni, applikati fl-Istat Membru ospitanti, għandhom ukoll ikunu ta' natura vinkolanti u jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' trasparenza, li jfisser b'mod partikolari, li dawn għandhom ikunu aċċessibbli u ċari. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk humiex issodisfatti dawn il-kundizzjonijiet fil-kawża prinċipali.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, hemm lok li jiġi konkluż li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71, moqri flimkien mal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jipprekludix kalkolu tas-salarju minimu għal kull siegħa u/jew għal kull biċċa xogħol, ibbażat fuq il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, kif inhu previst mill-ftehimiet kollettivi rilevanti tal-Istat Membru ospitanti, bil-kundizzjoni li dan il-kalkolu u din il-klassifikazzjoni jitwettqu skont regoli vinkolanti u trasparenti, fatt li għandu jiġi vverfikat mill-qorti nazzjonali.

L-allowance ta' kuljum

46 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk allowance ta' kuljum, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tifformax parti mis-salarju minimu, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, jeħtieġ li jiġi rrilevat li jirriżulta mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja li l-ftehimiet kollettivi tax-xogħol rilevanti fil-Finlandja kienu jipprevedu l-għoti ta' allowance ta' kuljum lill-ħaddiema kkollokati. Skont dawn il-ftehimiet, l-imsemmija allowance hija fil-forma ta' ħlas ta' kuljum ta' somma stabbilita, li kienet tammonta, matul il-perijodu kkonċernat, bejn EUR 34 u EUR 36.

47 Jidher, fid-dawl tal-proċess, li din l-allowance ma titħallasx lill-ħaddiema bħala rimbors tal-ispejjeż effettivament sostnuti minħabba l-kollokament, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71.

48 Fil-fatt, l-imsemmija allowance hija maħsuba sabiex tiżgura l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema kkonċernati billi tipprovdi kumpens għall-inkonvenjenza li tirriżulta mill-kollokazzjoni, li tikkonsisti fit-tbegħid tal-persuni kkonċeranti mill-ambjent abitwali tagħhom.

49 Isegwi li tali allowance għandha tiġi kklassifikata bħala allowance proprja għall-kollokazzjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71.

50 Issa, skont l-imsemmija dispożizzjoni, din l-allowance tifforma parti mis-salarju minimu.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-allowance ta' kuljum għandha titħallas lill-ħaddiema kkollokati, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bl-istess mod bħalma jibbenefikaw minnha l-ħaddiema lokali f'każ li dawn jiġu kkollokati fit-territorju Finlandiż.

52 Fid-dawl ta' dak li ntqal, hemm lok li jiġi konkluż li allowance ta' kuljum, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu, f'kundizzjonijiet identiċi għal dawk li għalihom hija suġġetta l-inklużjoni ta' din l-allowance fis-salarju minimu mħallas lill-ħaddiema lokali f'każ ta' kollokament ta' dawn tal-aħħar fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat.

L-allowance għat-traġitt ta' kuljum

53 Preliminarjament, hemm lok li jiġi rrilevat li, sa fejn tirrigwarda l-allowance għat-traġitt ta' kuljum, id-domanda magħmula ma tirrigwardax il-kumpens tal-ispejjeż tal-movimenti mwettqa mill-ħaddiema kkonċernati sabiex jaslu fuq il-post tax-xogħol u jirritornaw lura, iżda unikament il-punt dwar jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71 għandux jiġi interpretat fis-sens li kumpens għall-ħin tat-traġitt ta' kuljum għandux jiġi kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi element tas-salarju minimu ta' dawn il-ħaddiema.

54 Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet kollettivi Finlandiżi, allowance għat-traġitt għandha titħallas lill-ħaddiema jekk it-traġitt li dawn ikollhom jagħmlu kuljum biex dawn imorru u jiġu jkun ta' iktar minn siegħa.

55 Jeħtieġ li jiġi speċifikat, f'dan ir-rigward, li, għall-finijiet tal-kalkolu ta' dan il-perijodu, jeħtieġ li jiġi ddeterminat il-ħin effettivament użat, fiċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ inkwistjoni, mill-ħaddiema kkollokati kkonċernati sabiex jivvjaġġaw bejn il-post fejn ikunu alloġġati, fil-Finlandja, u l-post tax-xogħol tagħhom, fis-sit ta' kostruzzjoni f'dak l-Istat Membru. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddeċiedi, fid-dawl tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jekk il-kundizzjoni tat-tul, prevista mil-leġiżlazzjoni applikabbli fil-Finlandja għall-ħlas tal-allowance għat-traġitt, hijiex issodisfatta mill-ħaddiema kkonċernati.

56 F'din il-perspettiva, hemm lok li jiġi kkunsidrat li, peress li tali allowance għat-traġitt ma titħallasx bħala rimbors tal-ispejjeż effettivament sostnuti mill-ħaddiem minħabba l-kollokament, din għandha, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71, tiġi kkunsidrata bħala li tikkostitwixxi allowance proprja għall-kollokament u, għalhekk, tifforma parti mis-salarju minimu.

57 Jeħtieġ li jiġi kkunsidrat li allowance għat-traġitt, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li titħallas lill-ħaddiema bil-kundizzjoni li t-traġitt ta' kuljum li huma jwettqu sabiex imorru fuq il-post tax-xogħol u jerġgħu lura ikun ta' iktar minn siegħa, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu tal-ħaddiema kkollokati sakemm tkun issodisfatta din il-kundizzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

It-teħid ta' responsabbiltà għall-akkomodazzjoni

58 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, għandux jiġi interpretat fis-sens li t-teħid ta' responsabbiltà għall-akkomodazzjoni tal-ħaddiema kkonċernati għandu jiġi kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi element tas-salarju minimu ta' dawn tal-aħħar, hemm lok li jiġi kkonstatat li, skont il-kliem tal-Artikolu 3(7) ta' din id-direttiva, dan ma jistax ikun il-każ.

59 Fil-fatt, anki jekk dan il-kliem ma jeskludix li r-rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni effettivament sostnuti fil-każ ta' kollokament, u jekk, skont l-informazzjoni li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja, ESA ħadet ir-responsabbiltà għal dawn l-ispejjeż tal-ħaddiema kkonċernati fejn dawn tal-aħħar ma kellhomx jagħmlu ħlas minn qabel u jitolbu r-rimbors tiegħu, il-metodu tat-teħid ta' responsabbiltà magħżul minn ESA ma jinċidix fuq il-klassifikazzjoni legali ta' dawn l-ispejjeż.

60 Barra minn hekk, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 111 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-għan stess tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71 ma jistax jippermetti t-teħid inkunsiderazzjoni, fil-kalkolu tas-salarju minimu tal-ħaddiema kkollokati, tal-ispejjeż marbuta mal-akkomodazzjoni ta' dawn tal-aħħar.

Il-vawċers tal-ikel

61 Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, fir-rigward tal-kunċett ta' salarju minimu inkonnessjoni mat-teħid inkunsiderazzjoni tal-vawċers tal-ikel ipprovduti lill-ħaddiema kkonċernati minn ESA, hemm lok li jiġi rrilevat li l-provvista ta' dawn il-vawċers la hija bbażata fuq dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari jew amministrattivi tal-Istat Membru ospitanti, u lanqas fuq ftehimiet kollettivi rilevanti invokati mis-Sähköalojen ammattiliitto, iżda toriġina mir-relazzjoni ta' xogħol stabbilita, fil-Polonja, bejn il-ħaddiema kkollokati u ESA, il-persuna li timpjegahom.

62 Barra minn hekk, bħall-ħlas tal-allowances mogħtija bil-għan li jingħata kumpens għall-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, dawn l-allowances jitħallsu bħala kumpens għall-ispejjeż tal-ħajja effettivament sostnuti mill-ħaddiema minħabba l-kollokament tagħhom.

63 Għaldaqstant, jirriżulta b'mod ċar mill-kliem stess tal-Artikolu 3(1) u (7), tad-Direttiva 96/71 li l-imsemmija allowances ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala li jifformaw parti mis-salarju minimu, fis-sens tal-Artikoli 3 ta' din id-direttiva.

Il-bonus ta' vaganzi

64 Fir-rigward tal-għoti ta' bonus ta' vaganzi, hemm lok li jitfakkar, preliminarjament, li, skont l-Artikolu 31(2) tal-Karta, kull ħaddiem għandu dritt għal perijodu annwali ta' leave imħallas.

65 Dan id-dritt, speċifikat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381), li għalih id-direttiva ma tippermettix derogi, jippermetti li kull ħaddiem għandu jibbenefika minn perijodu ta' leave annwali ta' mill-inqas erba' ġimgħat. Id-dritt għal leave annwali mħallas, li, skont ġurisprudenza stabbilita, għandu jiġi kkunsidrat bħala prinċipju tad-dritt soċjali tal-Unjoni ta' importanza partikolari, huwa għaldaqstant mogħti lil kull ħaddiem, irrispettivament mill-post fejn ikun assenjat fi ħdan l-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Schultz-Hoff *et*, C-350/06 u C-520/06, EU:C:2009:18, punt 54, kif ukoll Lock, C-539/12, EU:C:2014:351, punt 14).

66 Barra minn hekk, jirriżulta b'mod ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-espressjoni "perijodu annwali ta' leave imħallas", li tinsab fl-Artikolu 31 tal-Karta u l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, tfisser li, matul il-leave annwali fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, ir-remunerazzjoni għandha tinżamm u li, fi kliem ieħor, il-ħaddiem għandu jirċievi r-remunerazzjoni ordinarja għal dan il-perijodu ta' mistrieħ (ara s-sentenzi Robinson-Steele *et*, C-131/04 u C-257/04, EU:C:2006:177, punt 50, kif ukoll Lock, EU:C:2014:351, punt 16).

67 Effettivament, skont din il-ġurisprudenza, id-Direttiva 2003/88 tittratta d-dritt għal-leave annwali u d-dritt li jinkiseb ħlas f'dan ir-rigward bħala li jikkostitwixxu żewġ aspetti ta' dritt wieħed. L-għan tal-ħtieġa li dan il-leave ikun renumerat huwa li l-ħaddiem jitpoġġa, matul l-imsemmi leave, f'sitwazzjoni li hija, inkwantu s-salarju, kumparabbli mal-perijodu ta' xogħol (ara s-sentenza Lock, EU:C:2014:351, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

68 Għalhekk, kif irreleva l-avukat ġenerali fil-punt 89 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-bonus ta' vaganzi riċevut mill-ħaddiem matul il-vaganzi huwa marbut intrinsikament ma' dak li huwa jirċievi bħala korrispettiv għas-servizzi pprovduti.

69 Isegwi li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li bonus ta' vaganzi minimu, li għandu jingħata lill-ħaddiem, skont il-punt (b) tat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, għall-perijodu minimu tal-leave annwali mħallas, jikkorrispondi għas-salarju minimu li għandu dritt għalih dan il-ħaddiem matul il-perijodu ta' riferiment.

70 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha jirriżulta li għandha tingħata risposta għas-sitt domanda li l-Artikolu 3(1) u (7) tad-Direttiva 96/71, moqri fid-dawl tal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li:

— ma jipprekludix kalkolu tas-salarju minimu għal kull siegħa u/jew għal kull biċċa xogħol, ibbażat fuq il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, kif inhu previst mill-ftehimiet kollettivi rilevanti tal-Istat Membru ospitanti, bil-kundizzjoni li dan il-kalkolu u din il-klassifikazzjoni jitwettqu skont regoli vinkolanti u trasparenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali;

— allowance ta' kuljum, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu, f'kundizzjonijiet identiċi għal dawk li għalihom hija suġġetta l-inklużjoni ta' din l-allowance fis-salarju minimu mħallas lill-ħaddiema lokali f'każ ta' kollokament ta' dawn tal-aħħar fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat;

— allowance għat-traġitt, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li titħallas lill-ħaddiema bil-kundizzjoni li t-traġitt ta' kuljum li huma jwettqu sabiex imorru fuq il-post tax-xogħol u jerġgħu lura ikun ta' iktar minn siegħa, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu tal-ħaddiema kkollokati sakemm tkun issodisfatta din il-kundizzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali;

— t-teħid ta' responsabbiltà għall-akkomodazzjoni ta' dawn il-ħaddiema ma għandux jiġi kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi element tas-salarju minimu ta' dawn tal-aħħar;

— allowance fil-forma ta' vawċers tal-ikel ipprovduti lill-imsemmija ħaddiema ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu ta' dawn tal-aħħar, u

— il-bonus ta' vaganzi li għandu jingħata lill-ħaddiema kkollokati għall-perijodu minimu tal-leave annwali mħallas, jikkorrispondi għas-salarju minimu li għandhom dritt għalih dawn tal-aħħar matul il-perijodu ta' riferiment.

**Fuq l-ispejjeż**

71 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **F'ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 96/71 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg [il-kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, moqrija flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, tipprekludi li leġiżlazzjoni tal-Istat Membru tas-sede tal-impriża li kkollokat ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li skontha hija pprojbita ċ-ċessjoni ta' krediti li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjieg, tista' tostakola sindakat, bħal Sähköalojen ammattiliitto ry, milli jippreżenta rikors, quddiem qorti fit-tieni wieħed minn dawn l-Istati Membri, li fih jiġi eżegwit ix-xogħol, bil-għan li jirkupra, favur ħaddiema kkollokati, krediti salarjali li huma marbuta mas-salarju minimu fis-sens tad-Direttiva 96/71 u li ġew ċeduti lilu, peress li din iċ-ċessjoni hija konformi mad-dritt vinkolanti f'dan l-aħħar Stat Membru.**

2) **L-Artikolu 3(1) u (7) tad-Direttiva 96/71 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg [il-kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi, moqrija flimkien mal-Artikoli 56 TFUE u 57 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

   — **ma jipprekludix kalkolu tas-salarju minimu għal kull siegħa u/jew għal kull biċċa xogħol, ibbażat fuq il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, kif inhu previst mill-ftehimiet kollettivi rilevanti tal-Istat Membru ospitanti, bil-kundizzjoni li dan il-kalkolu u din il-klassifikazzjoni jitwettqu skont regoli vinkolanti u trasparenti, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali;**

   — **allowance ta' kuljum, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu, f'kundizzjonijiet identiċi għal dawk li għalihom hija suġġetta l-inklużjoni ta' din l-allowance fis-salarju minimu mħallas lill-ħaddiema lokali f'każ ta' kollokament ta' dawn tal-aħħar fi ħdan l-Istat Membru kkonċernat;**

   — **allowance għat-traġitt, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li titħallas lill-ħaddiema bil-kundizzjoni li t-traġitt ta' kuljum li huma jwettqu sabiex imorru fuq il-post tax-xogħol u jerġgħu lura ikun ta' iktar minn siegħa, għandha tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu tal-ħaddiema kkollokati sakemm tkun issodisfatta din il-kundizzjoni, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali;**

   — **it-teħid ta' responsabbiltà għall-akkomodazzjoni ta' dawn il-ħaddiema ma għandux jiġi kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi element tas-salarju minimu ta' dawn tal-aħħar;**

   — **allowance fil-forma ta' vawċers tal-ikel ipprovduti lill-imsemmija ħaddiema ma għandhiex tiġi kkunsidrata bħala li tifforma parti mis-salarju minimu ta' dawn tal-aħħar, u**

   — **il-bonus ta' vaganzi li għandu jingħata lill-ħaddiema kkollokati għall-perijodu minimu tal-leave annwali mħallas, jikkorrispondi għas-salarju minimu li għandhom dritt għalih dawn tal-aħħar matul il-perijodu ta' riferiment.**

Firma